



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0447(COD)

16406/23
ADD 1

VETER 111
AGRI 793
AGRILEG 339
CODEC 2410

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Diċembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 769 final ANNEXES 1 to 3
Suġġett:	ANNESSI tal-Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-benesseri tal-klieb u l-qtates u t-traċċabbiltà tagħhom

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 769 final ANNEXES 1 to 3.

Mehmuż: COM(2023) 769 final ANNEXES 1 to 3



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.12.2023
COM(2023) 769 final

ANNEXES 1 to 3

ANNESI

tal-Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-benesseri tal-klieb u l-qtates u t-traċċabbiltà tagħhom

ANNESS I

Rekwiżiti applikabbli għall-istabbiliment

(skont l-Artikoli 11 sa 15)

1. Tmigħ

- 1.1. L-operatur għandu jimplimenta l-frekwenzi tat-tmigħ li ġejjin:
 - (a) il-qtates u l-klieb adulti għandhom jintemgħu darbtejn kuljum;
 - (b) il-klieb u l-qtates tqal għandu jkollhom aċċess *ad libitum* għall-ikel; (c) il-ġriewi taħt it-8 ġimgħat għandhom jintemgħu mill-inqas ħames darbiet kuljum;
 - (d) il-frieħ tal-qtates taħt it-12-il ġimgħa għandhom jintemgħu mill-inqas erba' darbiet kuljum.
- 1.2. Kull ġeru jew ferħ ta' qattus tat-twelid għandhom jintemgħu bil-kolostru ta' ommhom fl-ewwel jumejn ta' ħajjithom.
- 1.3. Jekk ommhom tkun marida jew inkella ma tkunx tista' titma' lil uliedha, l-operatur għandu jipprovdi ħalib minn klieb u qtates femminili oħra fl-istess azjenda u formuli supplimentari tal-ħalib maħsuba għall-ġriewi u għall-frieħ tal-qtates bil-frekwenza tat-tmigħ skont l-istruzzjonijiet tal-produttur tal-ikel tal-annimali jew ta' veterinarju, sakemm il-ftim jitlesta.
- 1.4. L-operatur għandu jiżgura li l-ġriewi u l-frieħ tal-qtates mhux miftuma kollha jkunu qed jingħataw biżżejjed ħalib biex itellgħu l-piż tal-ġisem b'mod kostanti.
- 1.5. Il-ftim għandu jsir billi b'mod gradwali jintemgħu ikel solidu, fi proċess mhux iqsar minn 7 ijiem u ma għandux jitlesta qabel ma l-ġriewi u l-frieħ tal-qtates jagħlqu 6 ġimgħat.

2. Akkomodazzjoni

2.1. Temperatura:

L-operaturi għandhom jiżguraw li t-temperatura tinżamm f'medda ta':

- (a) 10 sa 26 °C fiż-żoni fuq ġewwa fejn jinżammu l-klieb adulti;
- (b) 15 sa 26 °C fiż-żoni fuq ġewwa fejn jinżammu l-qtates adulti;
- (c) 22 sa 28 °C fiż-żoni tat-twelid għall-ewwel 10 ijiem ta' ħajjet il-ġriewi;
- (d) 18 sa 27 °C fiż-żoni tat-twelid għall-ewwel 21 jum ta' ħajjet il-frieħ tal-qtates.

Il-meded tat-temperatura għandhom jiġu adattati kif xieraq għall-annimali ta' razza/tip brakiċefaliċi u għall-annimali b'tipi ta' fer estremi (razez mingħajr fer jew b'fer tqil).

2.2. Tidwil

2.2.1. Meta jkun applikabbli, it-tidwil artifiċjali għandu jiġi pprovdut għal perjodu li jkun mill-inqas ekwivalenti għall-perjodu ta' dawl naturali li normalment ikun disponibbli bejn d-9 ta' filgħodu u l-5 ta' waranofsinhar.

2.2.2. Id-dawl artifiċjali għandu jkollu spettru wiesa' jew spettru sħiħ.

2.2.3. L-illuminament għandu jkun mill-inqas 50 lux fl-għoli ta' ras l-annimal.

2.2.4. L-annimali għandu jkollhom il-possibbiltà li joqogħdu fid-dlam għal mill-inqas 8 sigħat kuljum.

2.3. Allokazzjonijiet ta' spazju

2.3.1 Allokazzjonijiet ta' spazju minimu għall-klieb u għall-qtates (erja aċċessibbli totali, inkluż l-isparju fuq ġewwa u fuq barra fil-magħluq imsemmi fl-Artikolu 11(5) meta jkun rilevanti):

Piż tal-annimal ħaj	Erja għal kull annimal	Għal kull annimal adult addizzjonali jew għall-klieb u għall-qtates femminili bil-ġriewi u bil-frieħ	Għoli minimu (Fejn imsaqqaf)
Klieb u qtates ta' inqas minn 10 kg	4 m ²	+ 2 m ²	1,80 m
Klieb ta' iktar minn 10 kg u ta' inqas minn 20 kg	6 m ²	+ 3 m ²	
Klieb ta' iktar minn 20 kg u ta' inqas minn 30 kg	8 m ²	+ 4 m ²	
Klieb ta' iktar minn 30 kg	10 m ²	+5 m ²	

2.3.2. Iż-żona tat-twelid trid tkun prevista u ddisinjata b'tali mod li l-kelba tkun tista' titbiegħed mill-ġriewi tagħha.

2.3.3. Jekk il-kompartimenti fil-magħluq ikunu okkupati minn iktar minn kelb jew qattus wieħed, l-operaturi jridu jiżguraw, billi jieħdu miżuri speċifiċi (eż. pannelli ta' separazzjoni), li dawn l-annimali ma jkunux ta' theddida għal xulxin minħabba mġiba aggressiva.

3. Saħħa

3.1. Il-qtates femminili għandhom jintużaw għat-tnissil biss jekk ikunu għalqu mill-inqas 12-il xahar;

3.2. Il-klieb femminili għandhom jintużaw għat-tnissil biss jekk ikunu għalqu mill-inqas 18-il xahar;

3.3. L-operaturi għandhom jippermettu li kull kelba jkollha sa tliet ġriewi u kull qattusa jkollha sa tliet frieħ fi żmien sentejn.

3.4. Wara li l-klieb u l-qtates ikollhom tliet tqaliet konsekuttivi li jwasslu għal ġriewi u għal frieħ fi żmien sentejn, l-operaturi għandhom jiżguraw perjodu ta' rkupru billi għal perjodu ta' mill-inqas sena jipprevjenu li l-klieb u l-qtates femminili jittaqqlu.

4. Ħtiġijiet marbuta mal-imġiba

4.1. L-operaturi għandhom jiżguraw li:

- (a) fl-ewwel 15-il ġimgħa, il-ġriewi u l-frieħ tal-qtates ikollhom opportunitajiet regolari għal kuntatt soċjali ma' annimali tal-istess speċi tagħhom u mal-bnedmin, u, jekk ikun possibbli, ma' annimali oħra;
- (b) meta l-qtates u l-klieb adulti jitqiegħdu f'postijiet fejn jinżammu l-qtates u l-klieb, tiġi pprovduta soċjalizzazzjoni mal-bnedmin, b'mod partikolari permezz ta' żjarat regolari u kuntatt mal-annimali;
- (c) iż-żoni fejn jinżammu l-qtates u l-klieb ikunu mġhammra bi strutturi ta' arrikkiment u b'oġġetti aċċessibbli għall-annimali kollha, sabiex jipprovdu ambjent stimulant, u jnaqqsu l-frustrazzjoni tal-annimali;
- (d) il-ġriewi ma jkunux separati b'mod permanenti minn ommhom qabel ma jagħlqu 8 ġimgħat;
- (e) il-frieħ tal-qtates ma jkunux separati b'mod permanenti minn ommhom qabel ma jagħlqu 12-il ġimgħa.

ANNEX II

Identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-klieb u tal-qtates

(skont l-Artikolu 17)

It-transponders li jintużaw għall-immarkar tal-qtates u l-klieb kif meħtieġ fl-Artikolu 16 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) il-mikroċippa għandu jkun fiha numru ta' identifikazzjoni individwali, mhux ripetibbli u mhux riprogrammabbli;
- (b) in-numru ta' identifikazzjoni għandu jidentifika l-pajjiż tal-orġini tal-annimal;
- (c) l-istruttura tal-kodiċi u l-kunċett tekniku tal-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju għandhom ikunu konformi mal-istandards ISO 11784 u 11785;
- (d) il-konformità mal-istandards ISO 11784 u 11785 għandha tiġi evalwata skont l-istandard ISO 24631.

ANNESS III

Ġbir tad-data

(skont l-Artikolu 20)

1. L-għadd ta' klieb u qtates mikroċippjati kull sena kif imsemmi fl-Artikolu 17;
2. L-għadd ta' stabbilimenti tat-tnissil approvati kull sena kif imsemmi fl-Artikolu 16.